# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar l-24 ta' Frar, 2025

Avviz tat-Talba numru: 266/2022 CL

**Pullicin ConBricks Ltd ( C91893)**[1]

**VERSUS**

**James Azzopardi (KI nru: 132889M) u Raymond Azzopardi (KI nru: 575459M)**[2]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-15 ta' Settembru 2022 fejn s-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jigu ikkundanati jhalsu is-somma ta' erbat elef tlett mija u tmienja u ghoxrin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€4,328.27), rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' concrete, bricks u materjal kif ukoll kirijiet ta' concrete pump u servizzi relatati li baqa' ma thallasx. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi prezentat kontestwalment u bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta ta' Raymond Azzopardi ipprezentat fit-13 ta' Ottubru 2022 illi in linea preliminarji il-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li hu qatt ma xtara u talab is-servizzi hekk kif reklamati mis-socjeta' attrici. Illi fil-mertu s-somma reklamata mis-socjeta' attrici fil-kawza odjerna m'humiex dovuti u dana stante illi huwa qatt ma xtara jew talab is-servizzi hekk kif deskritti u lanqas ma qabbad lil hadd jikkuntratta ghal dawn l-oggetti u s-servizzi f'ismu, hekk kif ser jigi pprovat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut James Azzopardi naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u ghalhekk fis-seduta tat 23 ta' Novembru 2022 gie iddikjarat illi huwa kontumaci.

[1] Korrezzjoni ordnata mit-Tribunal permezz ta' digriet datat 1 ta' April 2025 fejn l-isem u n-numru tar-registrazzjoni tas-socjeta' attrici ghandhom jinbidlu minn Pullicin Developers Ltd (C40807) ghal Pullicin ConBricks Ltd (C91893).

[2] Korrezzjoni ordnata mit-Tribunal permezz ta' digriet datat 1 ta' April 2025 wara li gie nnotat li n-numru tal-karta tal-identita' tal-konvenut gie ndikat bin-numru 575369M minflokk 575459M.

Fit-23 ta' Novembru 2022, xehed David Haber, fejn ikkonferma l-affidavit tieghu fejn jghid illi huwa l-accountant tas-socjeta attrici li tipproduci materjal ghal kostruzzjoni bhal concrete u bricks. Il-kumpanija ghandha tiehu s-somma ta' €4,328.27 minghand James u Raymond Azzopardi rapprezentanti bejgh ta' concrete, bricks u materjal iehor kif ukoll kiri ta' concrete pump u servizzi relatati li baqghu ma thalsux. Ipprezenta kopja ta' invoice u statement relattivi mmarkati Dok DH1 u Dok DH2. Statement jinhareg wara li hu jkun ipprocessa d-dokumentazzjoni li tkun ghaddiet lil kumpanija sabiex hu jzomm id-dettalji tal-accounts u jikkonferma li dawn kienu jicconcernaw lil Raymond u James Azzopardi li huma missier u iben li kienu jahdmu flimkien u l-ordnijiet jinhargu fuq it-tnejn. Huma kienu bghatu ittra legali datat 31 ta' Awissu 2022 Dok DH3.

Fit-23 ta' Novembru 2022 xehed Raymond Azzopardi in ezami fejn ikkonferma li jahdem fil-gebel izda x-xhieda kellha tigi sospiza minhabba il-mod kif beda jgib ruhu. Rega' xehed fit-12 ta' Gunju 2023 fejn ikkomferma li hu missier James Azzopardi izda hu jahdem ghalih u jkun wahdu fuq ix-xoghol u ghandu numru tal-vat. Hu m'ghandux x'jaqsam ma' James u ma jafx jekk James ghandux numru tal-vat. It-tifel tieghu jahdem bil-gaffa u hu ma jahdimx mieghu. Fuq mistoqsija jekk gieli qabdu il xulxin fix-xoghol hu wiegeb illi James gieli talbu biex juza' xi ghodda minn tieghu u hu jaghtihulu bis.

Xehed Chris Pullicino wiehed mid-diretturi tas-socjeta attrici li jesportaw bricks u konkos u jikru makkinarju u jaghmlu deliveries. James Azzopardi kien icempillu f'isem missieru ghax ma kellux mobile biex jaghtih ix-xoghol u James kien jhallas u kienu jergghu jaghtuh ix-xoghol. Gieli gabru l-flus minghand Raymond Azzopardi minn zewg lokazzjonijiet f'Hal-Qormi fejn inqalghat il-problema ghax kienu halsu ta' b'lura u kif gabar il-flus kien rega' tah ix-xoghol , imma ma kienx hallas izjed. Il-karti kien jiffirmhom James biex missieru ma joqghodx jinzel isfel. L-ammont ghadu kollu dovut ghax ma sar ebda hlas. Li kien jsir hu li kienu jcemplu biex jaghmlu l-ordni u huma kienu jibghatulhom ix-xoghol u wara li jinhatt ix-xoghol, jiffirmaw il-karta li wara tidhol l-ufficju.Ipprezenta dokumenti immarkati Dok CP1. Gew ippreżentatI ukoll Dok L1 u L2 li juru z-zewg lokazzjonijiet li issemew fix-xhieda ta' Chris Pullicino. Fil-kontro ezami jghid illi James Azzopardi kien jcempillu biex jordna x-xoghol u gieli kien jmur hu stess jghabbi u b'hekk beda l-kuntatt. Hu kien jaf kemm lil James kif ukoll lil Raymond Azzopardi ghax l-ordijiet kienu jsiru minn James u l-hlasijiet kienu jsiru minn Raymond ghax kienu qalulu li kienu shab. Hu stess kien jmur biex jigbor il-flus u gieli hallas James u gieli hallas Raymond. Ix-xoghol kien inghata xi tlett snin jew tlett snin u nofs ilu. Ircevuti ma jinghatawx mal-hlas ghax ma jkollhomx l-ircevuti fuqhom imma jibghatuhom mill-ufficju, imma ma setghex jikkonferma meta kienet l-ahhar ircevuta li inbghatet.

Xehed James Azzopardi iben Raymond Azzopardi fejn spjega li hu u l-lavrant tieghu Johnny gieli hadu konkos minn ghand is-socjeta attrici ghax hu jahdem fil-kostruzzjoni. Il-lavrant li kien barrani kien ilu mieghu sittax-il sena izda ma kienx jaf kuljomu u kien jahdem *part time*. Missieru kien pensjonant u xi kultant kien jaghtih daqqa' t'id izda qatt ma cempel lil Pullicin. Ma jafx kemm kien ilu pensjonant u qabel xogholu kien fil-kostruzzjoni fuq turgien. Hu ma kellux numru tal-vat ghax kien vat *exempt*. Hu ikkonferma il-firma tieghu fuq id-dokumenti a foll. 23, 24, 29,30, 31u 32 filwaqt illi l-firem fuq id-dokumenti li kien hemm a foll. 25, 26, 27 u 28 m'humiex il-firma tieghu u lanqas ma jaf ta' min huma. Il-firem mhux ta' Johnny ghax ma jiffirmax ghax-xoghol. Mistoqsi jekk kienx hadem missieru Raymond bhala helper f'Hal Qormi hu jghid li missieru kien ghadu kemm bena bicca tieghu stess u huma jaghmu hafna xoghol Hal-

Qormi ghax huma minn Hal-Qormi stess, ghalkemm m'gharafx il-post indikat li jidher a foll 35 u 36. Dwar l-ircevuti fejn kien gharaf il-firma tieghu jghid illi dawn huma dwar bricks moghbija mill-barriera ta' Pullicin Bricks u l-ammont ma jaqbizx l-€1000 u ma jafx jekk kienx hallas ghalihom dak iz-zmien. Fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2024 rega' xehed James Azzopardi li qal illi l-lavrant tieghu, li irrefera ghalih bhala Johnny. kien jismu Ahmed Amadou. Ikkonferma li fejn hemm indikat GA huwa materjal li ha hu. Missieru ma kellux x'jaqsam ghax la jsuq il-vann u lanqas ghandu mobile u dejjem ikkomunika hu. Dawn kienu ta' hames snin ilu u qatt ma kienu bghatu xi karti li hemm kont pendent. Huma ma jiehdux xoghol bid-dejn u ghalkemm gharaf il-firma tieghu fuq l-ircevuta datat 22 ta' Jannar 2020 m'hemmx ammont dovut indikat. Il-karta a foll 24 hija iffirmata minnu u kien hallas €500 u wara kiemu marru ghal €300 ohra u tahomlu.Fejn hemm il-firem tieghu l-ammont mhux dovut ghax li iffirma ghalihom kien hallashom, ghalkemm ma kellux ircevuta. Fil-kontro ezami jghid illi meta jghid meta ahna konna niehdu xoghol bid-dejn hu kien qieghed jirreferi ghalih stess. Izda fuq mistoqsija ohra fejn il-kelma ahna tirreferi ghal aktar minn persuna wahda qal illi kien qieghed jirreferi ghalih u ghal familja tieghu jew missieru.

Fl-24 ta' April 2024 il-konvenut Raymond Azzopardi qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li permezz ta' nota datata 29 ta' Awissu 2024 gie iddikjarat li l-eccezzjoni kienet qieghda ssir ai termini tal-artikolu 2149(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. It-Tribunal laqa' t-talba ghal eccezzjoni addizzjonali ta' preskrizzjoni wara li ra l-artikolu 2112 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li tghid:

*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża, imqar fl-appell.*

Ra n-nota tas-sottomissjonijiet tas-socjeta attrici u taz-zewg konvenuti. Ra l-atti processwali kollha.

It-Tribunal jikkunsidra;

Dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni it-Tribunal wara li sema' ix-xhieda kemm tas-socjeta attrici kif ukoll tal-konvenut Raymond Azzopardi u ra li t-talba tas-socjeta attrici hija ghal bejgh ta' concrete u materjal u kirijiet ta' *concrete pump* u servizzi relatati, ma jarax illi l-azzjoni taqa' taht l-artikolu 2149 (a) ghax bhala fatt is-socjeta attrici la hija l-bennejja u lanqas il-kuntrattur izda tforni l-materjal u talbet il-hlas tal-materjal illi iffornit lil-konvenut/i u ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

Illi mix-xhieda irrizulta illi fil-fatt Raymond Azzopardi qatt ma ordna ebda materjal bit-telefon u lanqas huwa indikat fuq l-invoices u lanqas hemm xi firma tieghu u ghalhekk l-eccezzjoni tieghu li mhux il-legittimu kuntradittur qieghda tigi milqugha u qieghed jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-kaz prezenti, il-konvenut James Azzopardi gie debitament notifikata bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenut la resaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza socjeta attrici fl-udjenzi sussegwenti. Tali konvenut ghalhekk, kien fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza tat 23 ta' Novembru 2022. Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal

huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti. Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal*.[3]"

Minkejja li James Azzopardi kien kontumacja, hu tressaq bhala xhud tal-konvenut l-iehor Raymond Azzopardi li jigi missieru, fejn gharaf il-firma tieghu fuq numru ta' invoices cioe' dawk a foll 23, 24, 29 ,30, 31 u 32 filwaqt illi m'gharafx il-firma tieghu fuq l-invoices a foll 25, 26,27 u 28. Ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet tieghu fejn iddikjara illi kien qieghed jaghmel tieghu l-eccezzjonijiet kif sollevati mill-konvenut Raymond Azzopardi.

Illi fil-konfront tal-konvenut James Azzopardi, jirrizulta illi fil-fatt kien hemm relazzjoni bejnu u s-scjeta attrici fejn fil-fatt sahansitra gharaf il-firma tieghu fuq hafna mill-invoices u ghalhekk it-Tribunal qiehed jilqa' t-talbiet fil-konfront tieghu ghax s-socjeta attrici irnexielha tipprova t-talba sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt illi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qieghed jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut Raymond Azzopardi li mhux il-legittimu kontraditur u qieghed jilliberah mill-osservaza tal-gudizzju, in oltre qieghed jilqa t-talba tas-socjeta attrici fil-konfront ta' James Azzopardi u jikkundah sabiex jhallas is-somma ta' erbat elef tlett mija u tmienja u ghoxrin euro u sebgha u ghoxrin centezmu(€4,328.27) lis-socjeta attrici bl-imghax mill-15 ta' Settembru 2022[4] sal-hlas shih effettiv. L-ispejjez tal-konvenut Raymond Azzopard ghandhom jithalsu mis-socjeta attrici filwaqt illi l-ispejjez tas-socjeta attrici ghandhom jithalsu mill-konvenut James Azzopardi.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

---

[3] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)
[4] Data ta' meta giet ipprezentata l-kawza odjerna